K.L.B.L. 15/04 /2011

ATT DWAR KUNSILL LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws ta' l-2011 dwar Żoni Esklużivi għal *Barbecues* (Kunsill Lokali Birżebbuġa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Birżebbuġa għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 It-titolu ta' dawn il-*Bye-laws* hu l-*Bye-Laws* ta' l-2011 dwar Żoni Esklużivi għal *Barbecues* (Kunsill Lokali Birżebbuġa).

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu mid-data tal-pubblikazzjoni.

Tifsir.

2. F'dawn il-*Bye-laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtiegx xort'oħra:-

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"*barbecue*" tinkludi tisjir jew xiwi ta' oġġetti ta' l-ikel, li jsir b'kull mezz, inkluż nar dirett jew sostnut bil-gass inkella b'xi mezz ieħor;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa;

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' Birżebbuġa;

"residenti" tinkludi kemm dawk il-persuni li huma residenti fil-lokalità b'mod permanenti, kemm dawk li jkunu residenti b'mod temporanju;

"żona esklużiva għal *barbecues*" tfisser l-*area* b'konfini stabbiliti kif indikat fl-Iskeda li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*.

Barbecues jistgħu jsiru biss fiż-żoni indikati mill-Kunsill.

3. Il-*barbecues* jistgħu jsiru biss fiż-żoni esklużivi għal *barbecues* stabbiliti mill-Kunsill, kif murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*.

Kundizzjonijiet.

4.1 Il-postijiet f'dawn iż-żoni għandhom jittieħdu abbażi tal-prinċipju li min jiġi l-ewwel jinqeda.

4.2 Ma hi meħtiega ebda awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex isiru *barbecues* fiż-żoni esklużivi stabbiliti b'dawn il-*Bye-Laws*.

4.3 Ma jistax isir daqq ta' mużika, ikun xi jkun il-mezz użat, li tkun tinstema' f'distanza ta' mhux aktar minn għaxar metri.

Pieni.

5.1 Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispozizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*, jew li tonqos li taderixxi ma' xi kundizzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dawn il-*Bye-Laws* tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u tista', meta tinsab ħatja teħel *ammenda* ta' mhux aktar minn sebgħin euro (€70) għal kull kontravvenzjoni.

Il-Kunsill jista', b'żjieda mal-penali stabbiliti fl-ordinament 5.1, jordna lill-persuna li tinsab ħatja ta' kontravvenzjoni li tagħmel it-tiswijiet meħtieġa li jkunu għas-sodisfazzjon tal-Kunsill.


5.2 Il-Kunsill ikollu dritt jagħmel it-tiswijiet meħtiega għas-spejjeż tal-persuna li tinsab ħatja.


SKEDA

(*Bye-Law* 3)

Zoni esklużiva għall-*barbecues* ġewwa l-lokalità ta' Birżebbuġa

(site-plan)


8.2
11.5
6.3
5.1
10.9
2.3
12.2
SAN LUĊJAN
DIL Co. Ltd.
15.1
16.9
Ġorġ
Tad-Debbra


TRIQ IL-PROGRESS
TRIQ IL-BURSIER
TRIQ GUZEPP DESPOTT
PARKIEGG
WIED IL-BLUNI
SAMUNA
18.2
18.8
13.3
15.4
7.3
15.8
23
2.6
4.4
5.6
5.8
7.6
6.0
9.1
5.0